



Brussell, 28 ta' Mejju 2020
(OR. en)

8399/20

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0196(COD)

FSTR 74
REGIO 105
FC 43
SOC 344
PECHE 132
CADREFIN 102
JAI 416
SAN 178
CODEC 426

PROPOSTA

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 450 final
Suġġett:	Proposta emendata għal REGOLAMENTO TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 450 final.

Mehmuż: COM(2020) 450 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 28.5.2020
COM(2020) 450 final

2018/0196 (COD)

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. IL-KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Fid-29 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-proposti leġislattivi tagħha li jiggvernaw l-użu tal-finanzjament tal-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021-2027¹, li jinkwadraw l-appoġġ tal-Fondi madwar ftit prioritajiet kritiċi ta' politika tal-UE.

Kmieni din is-sena, l-ekonomija Ewropea, bil-pandemija tal-COVID-19 sofriet xokk simetriku, eżoġenu u profund mingħajr preċedent. Il-pressjoni immedjata fuq is-sistema tas-saħħa, b'għadd terribbli ta' mwiet u ta' każijiet li kellhom bżonn kura intensiva, ġiet minnufih segwita minn konsegwenzi soċjali u ekonomiċi severi.

Dan se jgħallq tnaqqis kbir fl-outputs tal-ekonomija, tnaqqis fl-għadd ta' operaturi u żieda kbira fil-qagħad u l-faqar. Dan se jkun ta' sfida sinifikanti wkoll għall-finanzi pubbliċi u għall-ġestjoni tad-dejn fis-snin li ġejjin, li min-naħa tagħhom jistgħu jillimitaw l-investiment pubbliku meħtieġ għall-ekonomija biex tirkupra kif ukoll l-iżvilupp.

Bħala reazzjoni immedjata, l-istrumenti ta' politika ta' koeżjoni disponibbli bħalissa taħt il-programm 2014-2020, diġà ġew adattati. F'dan ir-rigward twettqet l-ewwel emenda² tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 biex jissaħħu s-sistemi tas-saħħa tal-Istati Membri permezz ta' aktar investimenti u biex jiġu appoġġjati operaturi ekonomiċi u ħaddiema. Din l-emenda ġiet segwita mit-tieni waħda³, li għandha l-għan li tipprovdi flessibilità eċċezzjonali lill-Istati Membri għall-immaniġjar u l-emenda tal-programmi tagħhom, meta jkun hemm hteġa li jindirizzaw is-sitwazzjoni ta' kriżi.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tipproponi biex tisfrutta l-qawwa sħiħa tal-baġit tal-UE biex timmobilizza l-investiment u tantiċipa l-appoġġ finanzjarju fl-ewwel ftit snin kruċjali ta' rkupru. Dawn il-proposti huma bbażati fuq żewġ pilastri. Min-naħa l-waħda, Strument ta' Rkupru Ewropew ta' emerġenza li se jixpruna b'mod temporanju l-qawwa finanzjarja tal-baġit tal-UE bl-użu tal-marġni ta' manuvra fil-baġit tal-UE biex iqajjem aktar finanzjament fuq is-swieq finanzjarji. Min-naħa l-oħra qafas finanzjarju pluriennali msaħħa għall-2021-2027. Il-Kummissjoni qed tipproponi li ssaħħa il-programmi ewlenin permezz tal-Istrument ta' Rkupru Ewropew biex tgħaddi l-investiment malajr fejn hemm bżonn l-aktar, issaħħa is-suq uniku, iżżid il-kooperazzjoni f'oqsma bħas-saħħa u l-ġestjoni tal-kriżi u tgħammar lill-Unjoni b'baġit maħsub apposta biex jixpruna t-tranżizzjoni fuq żmien twil għal Ewropa aktar reżiljenti, ekoloġika u diġitali filwaqt li tappoġġja l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali.

Il-proposta preżenti tappartjeni għat-tieni pilastru msemmi hawn fuq, L-investimenti fil-politika ta' koeżjoni fil-perjodu 2021-2027 se jkollhom iservu fit-tul bħala strumenti li jżidu t-tkabbir u l-konverġenza mill-2021 'l hemm, meta l-ekonomija tal-UE se tkun mistennija tirpilja mir-riċessjoni qawwija.

F'dan ir-rigward, il-pertinenza tal-għamla tal-politika ta' koeżjoni għall-2021-2027, imfassla fuq strateġiji ta' tkabbir validi għall-futur, l-aktar permezz ta' konċentrazzjoni tematika li tiffoka fuq il-kompetittività ekonomika, l-aġenda tal-Patt Ekoloġiku u l-promozzjoni tal-

¹ COM(2018) 375 finali.

² Ir-Regolament (UE) 2020/460.

³ Ir-Regolament (UE) 2020/558.

Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, hija sostanzjata sew. Huwa kruċjali li jiġu żgurati ċirkostanzi favorevoli għal irkupru malajr li jwitti t-triq għall-iżvilupp ekonomiku tal-UE, filwaqt li jiġi ssodisfat l-oġettiv tat-Trattat ta' promozzjoni tal-konverġenza u tat-tnaqqis tad-disparitajiet. Meta jingħata l-appoġġ, għandha titpoġġa enfasi partikolari fuq ir-regġuni l-aktar milquta mill-kriżi li huma anqas mġhammra biex ikunu jistgħu jirreaġixxu.

Min-naħa l-oħra, il-preżenza għal għarrieda u fil-biċċa l-kbira tagħha mhux mistennija turi l-bżonn għal aktar flessibilità u reattività tal-politika ta' koeżjoni. B'mod partikolari, jeħtieġ li tingħata aktar flessibilità lill-Istati Membri biex jittrasferixxu r-riżorsi qalb il-Fondi, fi kwalunkwe punt tal-perjodu ta' programmar.

Huwa wkoll essenzjali li l-qafas legali għall-politika ta' koeżjoni jipprevedi għal mekkaniżmu lu jista' jkun invokat malajr jekk jinħassu aktar xokkijiet fl-Unjoni fis-snin li ġejjin. Għalhekk, il-miżuri għall-użu tal-Fondi qed jiġu proposti b'rispons għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux normali biex jiġi żgurat li taħt ċirkostanzi bħal dawn, li għalihom huma stabbiliti l-kriterji, jkun jistgħu jingħataw derogi għal ċertu regoli biex jiffaċilitaw ir-rispons għal ċirkostanzi bħal dawn. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni għandha tagħti setgħa biex tadotta l-atti ta' implimentazzjoni, biex tipprevedi għal miżuri temporanji biex tgħin tindirizza ċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux tas-soltu.

Fl-aħħar nett, il-pandemija tal-COVID-19 imminat il-kapaċità tal-benefiċjarji li jlestu l-operazzjonijiet appoġġati taħt il-programmi 2014-2020 fil-ħin, wara dewmien fl-implimentazzjoni u nuqqasijiet. Minħabba l-konsegwenzi baġitarji tal-kriżi, il-benefiċjarji jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni biex jiffinanzjaw it-tlestija tal-operazzjonijiet ikkonċernati qabel id-data tal-għeluq. F'dan ir-rigward, għandha tingħata aktar flessibilità biex tippermetti l-fażatura tal-operazzjonijiet.

Dawn il-modifiki proposti huma kkompletati minn proposta parallela biex tiġi emendata l-proposta għal Regolament dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni⁴, b'ħarsa lejn it-tisħiħ tat-tħejjija tas-sistemi tas-saħħa u lejn sfruttar aħjar tal-potenzjal tal-kultura u t-turiżmu, minħabba l-vulnerabilità tal-kriżi u tal-importanza ewlenija tagħhom f'diversi reġjuni. Bl-istess mod, din il-proposta hija akkumpanjata minn emenda proposta għall-proposta ta' Regolament dwar il-Fond Soċjali Ewropew Plus⁵ biex jissaħħaħ l-appoġġ għall-miżuri li jindirizzaw il-qagħad fost iż-żgħażaġh u l-faqar tat-tfal kif ukoll jipprovdi aktar iffukar fuq l-appoġġ tal-forza tax-xogħol sat-tranżizzjonijiet ekoloġika u diġitali.

Fil-livell tal-Unjoni, is-Semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika huwa l-qafas biex jiġi identifikati l-prijoritajiet nazzjonali ta' riforma u l-prijoritajiet ta' investiment inkluż l-appoġġ mill-Fondi. Fis-snin li għaddew, ġew stabbiliti rabtiet mill-qrib bejn il-proċess tas-Semestru Ewropew u l-investimenti tal-politika ta' koeżjoni, li għamlu l-politika partikolarment tajba għat-twassil ta' investimenti identifikati fil-proċess tas-Semestru Ewropew. Il-proċess tas-Semestru Ewropew diġà indika oqsma speċifiċi ta' prijarità għall-forniment minn qabel ta' investimenti pubbliċi biex jikkontribwixxu għall-irkupru ekonomiku u għall-iżvilupp.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija limitata għal emendi mmirati tal-proposta għal Regolament li tistabbilixxi dispożizzjoni Komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Affarjiet Marittimi u s-Sajd, il-Fond

⁴ COM(2018) 372 finali.

⁵ COM(2018) 382 finali.

Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u regoli finanzjarji għal dawk u għall-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi ('il-proposta tas-CPR') u żżomm il-konsistenza tagħha ma' politiki oħra tal-Unjoni.

2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZZJONALITÀ

• BAŻI ĠURIDIKA

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 322(1)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea ('TFUE') li jipprovdli l-bażi ġuridika għall-adozzjoni tar-regolamenti li jistabbilixxu r-regoli finanzjarji li jiddeterminaw b'mod partikulari l-proċedura li għandha tiġi adottata għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet.

Hija wkoll ibbażata fuq l-Artikolu 177 TFUE u l-Artikolu 349 TFUE.

• Sussidjarjetà (għal kompetenzi mhux esklussivi)

Il-proposta ma tbiddilx il-mod ta' twassil tal-politika ta' Koeżjoni, li tibqa' implimentata taħt il-ġestjoni konġunta.

Il-ġestjoni konġunta hija mirfuda mill-prinċipju tas-sussidjarjetà, hekk kif il-Kummissjoni tiddelega programmar strateġiku u kompiti ta' implimentazzjoni lil Stati Membri u reġjuni. Din tillimita wkoll l-azzjoni tal-UE għal dawk li huwa meħtieġ biex tikseb l-oġettivi tagħha kif stabbilit fit-Trattati.

• Proporzjonalità

Il-proposta hija bidla mmirata u limitata li ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-oġettiv li tingħata aktar flessibilità fil-ġestjoni ta' programmi u reattività ogħla biex jiġu aġġustati dispożizzjonijiet ta' implimentazzjoni kritiċi, biex fil-futur jiġi trattat xokk asimetriku potenzjali.

L-ġhoti ta' setgħat propost jippermetti lill-Kummissjoni li tiegħu sett limitat ta' miżuri immedjati, fil-każ ta' kriżi futura, għal perjodu limitat ta' żmien. Għalhekk dan jikkonforma mal-prinċipju ta' proporzjonalità.

• Għażla tal-istrument

Il-proposta temenda proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

3. RIŻULTATI TA' EVALWAZZJONIJIET EX-POST, KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

• Evalwazzjonijiet ex-post. kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti

Mhux applikabbli

• Konsultazzjonijiet mal-partijiet interessati

Ma kien hemm ebda konsultazzjoni ta' partijiet interessati esterni. Madankollu, il-proposta, f'ġimgħat riċenti qed issegwi konsultazzjonijiet estensivi ma' Stati Membri u mal-Parlament Ewropew.

- **Ġbir u użu ta' għarfien esperti**

Mhux applikabbli

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta tas-RDK għet akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni tal-impatt ivvalidat is-sistema ta' twassil proposta għal dawn il-Fondi, kif rifless fil-proposta tas-RDK tad-29 ta' Mejju 2018.

Il-modifiki proposti dwar il-proposta tas-RDK huma limitati u mmirati u ma jipproponux modifika tal-arkitettura u l-pedamenti ewlenin tal-proposta inizjali. Huma jgħibu magħhom biss titjib jew aġġustamenti fuq il-bażi tat-tagħlimiet meħuda fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u l-effetti tagħha. Għalhekk ma saritx valutazzjoni tal-impatt awtonoma.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-modifiki proposti dwar il-proposta tas-RDK huma limitati u mmirati u ma jipproponux modifika tal-elementi li jkun rilevanti għall-kontrolli tal-idoneità regolatorja jew simplifikazzjoni.

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta m'għandhiex konsegwenzi fuq id-drittijiet fundamentali u ma timmodifikax l-elementi korrispondenti tal-proposta tas-RDK tad-29 ta' Mejju 2018.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-modifika proposta ma timplikax bidliet fil-proposta għall-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss għall-perjodu 2021-2027⁶.

5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti ta' monitoraġġ, evalwazzjoni u rappurtar**

Mhux applikabbli

- **Dokumenti ta' spjegazzjoni (għad-direttivi)**

Mhux applikabbli

- **Spjegazzjoni dettaljata għad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-emendi proposti għall-proposta tas-RDK jiffukaw fuq l-elementi li ġejjin:

- Flessibilità miżjuda għat-trasferiment tar-riżorsi bejn il-Fondi, kkompletata minn aktar flessibilità għat-trasferimenti bejn il-FEŻR, l-FSE+ jew il-Fond ta' Koeżjoni taħt l-Artikolu 21.
- L-għoti ta' setgħa lill-Kummissjoni biex tadatta l-atti ta' implimentazzjoni biex jiġu permessi miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi bi tweġiba għaċ-ċirkostanza eċċezzjonali u mhux normali, jippermetti li:
 - jiżdiedu l-pagamenti interim b'10 punti perċentwali;

⁶ COM(2018) 322 finali.

- jintgħażlu operazzjonijiet li ġew diġà kkompletati;
 - tiġi permessa l-eleġibbiltà retroattiva tal-operazzjonijiet;
 - jiġu estiżi l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' dokumenti u *data*;
- Jitbaxxa l-livell limitu għall-operazzjonijiet li jistgħu jiġu ffażati fuq żewġ perjodi ta' programmazzjoni, sa EUR5 miljun.

Proposta emendata għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil u l-Migrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u tal-Viżi

Il-proposta tal-Kummissjoni COM(2018) 375 hija emendata kif ġej:

(1) tiddaħħal il-premessa li jmiss (15 a) :

“(15a) Biex tingħata l-flessibilità lill-Istati Membri biex jallokaw u jaġġustaw l-allokazzjoni tar-riżorsi finanzjarji f'konformità mal-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom, huwa meħtieġ li jingħataw il-possibilità jitolbu trasferimenti limitati mill-Fondi lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta jew fost il-Fondi fil-bidu tal-perjodu ta' programmar jew matul il-fażi ta' implimentazzjoni.”;

(2) tiddaħħal il-premessa li jmiss (20a) :

“(20a) Biex tiġi permessa reazzjoni rapida għal ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux normali, kif imsemmi fil-Patt ta' Stabilità u Tkabbir li jistgħu jinqalgħu matur il-perjodu ta' programmar, għandhom jiġu previsti miżuri temporanji biex jiffaċilitaw l-użu tal-Fondi b'reazzjoni għal ċirkostanzi bħal dawn.

(3) il-premessa 71 tiġi sostitwita b'dan li ġej:

“(71) Biex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-adozzjoni tal-Ftehimiet ta' Sħubija, l-adozzjoni jew l-emendi tal-programmi kif ukoll l-applikazzjoni tal-korrezzjonijiet finanzjarji, jenħtieġ li s-setgħat ta' implimentazzjoni lill-Kummissjoni jiġu konferiti fuq il-Kummissjoni. Is-setgħat ta' implimentazzjoni relatati mal-format li jrid jintuża għar-rappurtar dwar l-irregolaritajiet, id-data elettronika li trid tiġi rreġistrata u maħżuna u għall-mudell għar-rapport finali dwar il-prestazzjoni jenħtieġ li jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill(*). Minkejja li dawn l-atti huma ta' natura ġenerali, jenħtieġ li tintuża l-proċedura konsultattiva peress li dawn jistabbilixxu biss l-aspetti tekniċi, il-forom u l-mudelli. Is-setgħat ta' implimentazzjoni f'rabta mal-istabbiliment tat-tqassim tal-allokazzjonijiet finanzjarji għall-FEŻR, FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni jenħtieġ li jiġu adottati mingħajr il-proċeduri ta' komitoloġija peress li dawn jirriflettu sempliċiment l-applikazzjoni ta' metodoloġija għall-ikkalkular definita minn qabel. Barra minn hekk, is-setgħat ta' implimentazzjoni għall-miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux normali għandhom jiġu adottati mingħajr proċeduri tal-kumitat minħabba l-kamp ta' applikazzjoni tal-applikazzjoni huwa determinat mill-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir u huwa limitat għall-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(*)Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati

Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13)";

- (4) fl-Artikolu 1, il-punt 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Dan ir-Regolament ma għandux japplika għall-fergħat dwar l-Impjiegi u l-Innovazzjoni Soċjali u dwar is-Saħħa tal-FSE+ u għall-komponenti ta' ġestjoni diretta u indiretta tal-FEMS, tal-AMIF, tal-ISF u tal-BMVI, għajr għall-assistenza teknika bl-inizjattiva tal-Kummissjoni.";

- (5) fl-Artikolu 8, il-punt (d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(d) fejn ikun rilevanti, it-tqassim tar-riżorsi finanzjarji skont il-kategorija tar-reġjuni, magħmul f'konformità mal-Artikolu 102(2) u l-ammonti ta' allokkazzjonijiet proposti li jridu jiġu trasferiti bejn l-Artikoli 21 u 105 inkluża ġustifikazzjoni għal trasferimenti bħal dawn,";

- (6) L-Artikolu 21 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm jistgħu jitolbu t-trasferiment sa 5 % fit-total tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn kwalunkwe strument ieħor taħt ġestjoni diretta jew indiretta.

L-Istati Membri fil-Ftehim ta' Sħubija jew fit-talba għal emenda ta' programm jistgħu jitolbu t-trasferiment sa 5 % fit-total tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali ta' kull Fond lejn Fond jew Fondi oħra. L-Istati Membri jistgħu jitolbu trasferiment addizzjonali sa 5 % fit-total tal-allokkazzjoni nazzjonali inizjali skont il-Fond bejn il-FEŻR, l-FSE+ jew il-Fond ta' Koeżjoni fil-ħdan ir-riżorsi globali tal-Istati Membri taħt il-mira tal-Investment għat-tkabbir u l-impjiegi .";

- (b) il-paragrafu 3 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"3. Talbiet għal emenda ta' programm għandhom jistabbilixxu l-ammont totali trasferit għal kull sena skont il-Fond u skont il-kategorija tar-reġjun, fejn rilevanti, għandhom ikunu ġustifikati u akkumpanjati mill-programm jew programmi riveduti f'konformità mal-Artikolu 19.";

- (c) il-paragrafu 5 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"5. Fejn it-talba tikkonċerna għal emenda ta' programm, jistgħu jiġu allokat i biss riżorsi ta' snin kalendarji tal-futur.";

- (7) it-titlu tal-Kapitlu III tat-Titolu II jinbidel b'dan li ġej:

"Miżuri marbuta ma' governanza ekonomika tajba u ma' ċirkostanti eċċezzjonali u mhux normali";

- (8) jiddaħħal l-Artikolu li jmiss 15a:

"L-Artikolu 15a

Miżuri temporanji għall-użu tal-Fondi b'reazzjoni għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali u mhux normali

Fejn il-Kunsill wara [*d-data ta' dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*], irrikonoxxa l-eżistenza ta' avveniment mhux normali barra l-kontroll ta' Stat Membru jew aktar li jkollhom impatt ewlieni fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-amministrazzjoni pubblika jew tnaqqis kbir fir-ritmu ekonomiku għaż-żona euro jew l-Unjoni b'mod sħiħ imsemmija fl-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 5(1), ir-raba' subparagrafu tal-

Artikolu 6(3), l-għaxar subparagrafu tal-Artikolu 9(1) u r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97(**) jew l-eżistenza ta' avvenimenti ekonomiċi negattivi mhux mistennija b'konsegwenzi kbar mhux favorevoli għall-finanzi tal-gvern imsemmija fl-Artikoli 3(5) u 5(2) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97, il-Kummissjoni tista' permezz tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni u għall-perjodu definit f'dik id-deċiżjoni:

- (a) fuq talba ta' Stat Membru żżid il-pagamenti interim b'10 punti perċentwali fuq ir-rata ta' kofinanzjament applikabbli, li ma taqbiżx il-100 % b'deroga mill-Artikolu 106(3) u l-Artikolu 106(4);
- (b) tippermetti lill-awtoritajiet ta' Stat Membru jagħżlu operazzjonijiet ta' appoġġ li tlestew fiżikament jew ġew implimentati bis-sħiħ qabel l-applikazzjoni għall-iffinanzjar taħt il-programm tiġi ppreżentata lill-awtorità maniġerjali, permezz ta' deroga mill-Artikolu 57(6), sakemm l-operazzjoni tkun tweġiba għaċ-ċirkostanzi eċċezzjonali;
- (c) tipprovdi li n-nefqa għal operazzjonijiet b'reazzjoni għal ċirkostanzi bħal dawn tista' tkun eliġibbli mid-data li fiha l-Kunsill japprova l-preżenza ta' dawk iċ-ċirkostanzi, permezz ta' deroga mill-Artikolu 57(7);
- (d) testendi d-dati ta' skadenza għall-preżentazzjoni ta' dokumenti u ta' *data* lill-Kummissjoni bi 3 xhur, permezz ta' deroga mill-Artikolu 36(5), l-Artikolu 37(1), l-Artikolu 39(2) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 44(3).

(*) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tisħiħ tas-sorveljanza tal-pożizzjonijiet baġitarji u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politiki ekonomiċi (ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1).”;

(9) fl-Artikolu 111(1), il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) il-kost totali tal-operazzjoni jaqbeż l-EUR 5 miljun;”;

(10) L-Annessi I, II u V huwa emendat f'konformità mal-Anness għal din il-proposta.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Parlament Ewropew
Il-President

Għall-Kunsill
Il-President